**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Frar, 2000**

**Rikors Nru: 7B/95**

**Perit Joseph Mallia**

**vs**

**Frankie Caruana**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li biha ir-rikorrenti wara li ppremetta illi l-intimat Frankie Caruana jippretendi illi ghandu b'kera ossia bi qbiela l-ghalqa ta' Zonqor limiti ta' Wied il-Ghajn versu Lm2 fis-sena pagabbli fil-25 ta' Awissu, l-iskadenza li jmiss taghlaq fil-25 ta' Awissu 1995;

Peress illi r-rikorrent jehtieg ir-raba biex tigi wzata minnu personalment ghal skopijiet agrikoli;

Peress illi wkoll ir-raba in kwistjoni gie sullokat jew il-kirja giet trasferita lil terzi minghajr il-kunsens tar-rikorrent;

Talab sabiex dan il-Bord joghgbu ghar-ragunijiet premessi, prevja li jiffissa okkorrendo kumpens xieraq skond il-ligi mill-intimat, jordna lill-istess intimat jigi zgumbrat il-barra mill-ghalqa de quo fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dan l-istess Bord.

Ra in-"nota tal-eccezzjonijiet" tal-intimat a fol 4 tal-process li biha espona;

1) Illi fl-ewwel lok m'huwiex minnu illi r-raba in kwistjoni gie sullokat lil terzi.

2) Illi fit-tieni lok l-intimat jahdem r-raba in kwistjoni regolarment.

3) B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi, a konjizzjoni tal-Bord, ingiebu is-segwenti provi da parti tar-rikorrenti -

1) L-istess rikorrenti (a fol 6 et seq ibid) li sostna li l-art in kwistjoni fiha kejl superficjali ta' madwar zewgt itmien u nofs u hamrija fonda xi sitt pulzieri. Oltre li kwantita' mill-istess hamrija ma hiex tajba, fl-istess ghalqa hemm "zewg mansabiet kbar" b'wiehed minnhom uzat ghall-insib minn habib ta' missier l-intimat, illum mejjet. Ir-rikorrenti issottolinea li hu jmur ta' sikwit, jzur l-art in kwistjoni u specifika li din "tinhadem ftit ftit" waqt li hi uzata principalment ghall-iskop ta' insib. In rigward min jahdem l-istess art, hu sostna li din tinhadem minn gabillotti residenti fil-vicinanzi u li ma humiex membri tal-familja tal-istess intimat. In rigward l-istess gabillotti, ir-rikorrenti enfasizza li dawn kienu qed jahdmu l-istess art minghajr permess jew awtorita' da parti tieghu. In rigward l-intimat li jahdem bhala skrivan mal-Gvern, ir-rikorrenti spjega li hu qatt ma kien rah fl-istess art waqt li kien jara lil missieru, illum mejjet kif diga inghad juza l-art ghall-iskop ta' insib. Fl-ahhar nett, ir-rikorrenti sostna li, la darba irtirat mill-esercizzju tal-professjoni tieghu. hu xtaq jahdem, anke' bl-ghajnuna ta' terzi; l-ghalqa in kwistjoni.

2) Vincent Bonnici (a fol 14 et seq ibid) jidher li hu il-habib ta' missier l-intimat hawn fuq imsemmi u li kien imur jonsob fl-istess ghalqa bil-permess tal-istess missier, illum mejjet izda minghajr hlas. Skond hu, "Jien lit-tifel tieghu ma narahx fl-ghalqa".

3) Grezzju Pulis. (a fol 16 et seq ibid) li jahdem ta' bidwi spjega li "gieli qaluli biex nahratha u hrattha" b'referenza ghal xi artijiet appartenenti lir-rikorrenti. Dan ix-xoghol kien jaghmlu fuq inkarigu ta' Ganni "Ta' Klardina", presumibilment missier l-intimat li kien ilu mejjet madwar sena (qabel ma xehed). Skond dan ix-xhud "Jiena naf li Caruana jiehu hsieb l-ghalqa pero' hu jqabbad lil min jahdimielu mhux jahdem hu stess. Il-wicc jiehdu hu". Skond ix-xhud, hu jahdem u jahrat l-art in kwistjoni "bhala hbieb" b'referenza ghall-

intimat ossija minghajr hlas. Dan ix-xoghol kien jaghmlu, fuq inkarigu tal-intimat "min mindu miet missieru" u in rigward kumpens spjega "Dwar prodott gieli jaghtini u gieli le". Fl-ahhar nett, semma' li l-intimat ma ghandux ingenji sabiex jahdimha.

4) <u>Anthony Pulis</u> (a fol 19 et seq ibid), hu x-xhud precedenti xehed li, "darba rari", jmur sabiex jghin lill-istess hutu fl-ghalqa in kwistjoni. Inoltre kien l-istess intimat "li qabbadna nahdmulu". In rigward il-prodott, dan "jinbiegh darba minn hija darba minn xi hadd iehor "anzi "proprjament (hija) jew haddiehor jixtrieh dejjem minghand Caruana" Fl-ahhar nett testwalment qal "Jiena qatt ma rajtu jahdem l-art ........" avolja "kull ma mmur l'hemm hekk xi darba ......." u dan fil-ghaxija.

<u>Ikkunsidra:</u>

Illi kif jidher mill-verbali tas-seduta ta' l-4 ta' Lulju 1996 dan il-Bord, anke' kif diversament presedut, kien ta opportunita' ampja lill-intimat sabiex jipproduci xi hjiel ta' prova. Pero' dan ma sarx (ara fol 22 et seq ibid). Difatti l-intimat, (kif jidher a fol 30 ibid) lanqas ma attenda ghall-access tal-membri teknici tal-Bord.

Illi l-intimat, avolja intavola ir-rikors a fol 32 ibid, xorta wahda ma ipproduca l-ebda prova skond il-ligi (ara ukoll fol 39 u 40 tal-process).

<u>Ikkunsidra:</u>

Illi, minhabba tali nuqqas da parti tal-intimat wahdu, ma hemm ebda ghazla hlief li dan il-Bord jemmen li l-istess rikorrenti ghandu bzonn l-istess ghalqa ghall-iskopijiet agrikoli, u li l-istess ghalqa giet sullokata u l-kirja trasferita lill-terzi persuni minghajr il-kunsens tieghu (ara l-artikolu 4(2) (a) u (c) (4) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jinghad li l-membri teknici tal-Bord ikkontestaw li ma saru ebda benefikati matul l-ahhar tmien snin.

Ghal dawn il-motivi il-Bord, fil-waqt li jiddikjara li ma hemm ebda kumpens dovut skond il-ligi, jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat sabiex

jizgombra il-barra mill-ghalqa "Taz-Zonqor" fil-limiti ta' Wied il-Ghajn u dan sal-25 ta' Awissu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Alan Calleja
Dep.Reg.